TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

Vincent Psaila

vs

Go PLC

CCT 18/18/MS

10 ta' Ottubru 2018

It-Tribunal

Ra l-avviz tar-rikorrent ipprezentat fit-12 ta' Frar 2018 fejn talab ir-rifuzjoni ta' €95.00, prezz ta' *mobile phone* li nxtara minghand is-socjeta' intimata, liema *mobile* gratlu hsara fit-termini tal-garanzija, li socjeta' intimata irrifjutat li ssewwi minghajr hlas.

Ra r-risposta tas-socjeta' intimata pprezentata fid-19 ta' Frar 2018, fejn cahdet it-talba tar-rikorrent bhala infondata fil-fatt u fid-dritt.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' x-xhieda bil-gurament.

Ikkunsidra.

Illi fid-29 ta' Dicembru 2016, ir-rikorrent xtara *mobile* tat-tip Alcatel minghand is-socjeta' intimata ghas-somma ta' €95.00. Dan il-*mobile* kien kopert b'sentejn garanzija, izda sena wara gratlu hsara u r-rikorrent hadu ghat-tiswija. It-teknici tas-socjeta' intimata mal-ewwel qalulu li l-*mobile* ma jissewwiex taht il-garanzija, peress illi dana kien ixxarrab u b'hekk affettwa l-operazzjoni tieghu. Ir-rikorrent ma accettax din l-ispjegazzjoni u s-socjeta' intimata baghtet il-mobile fl-ufficini taghha fl-esteru fejn dawn irraportaw illi l-hsara kienet dovuta ghal "ossidazione interna". Fi kliem iehor dina tfisser illi dahal xi likwidu li kkawza ossidazzjoni f'partijiet tieghu u ghalhekk dan invalida l-garanzija fejn allura r-rikorrent kellu jhallas ghat-tiswija tieghu.

It-Tribunal sema' x-xhieda tar-rikorrent u dik ta' Kevin Testa, r-rapprezentant tas-socjeta' intimata u minn dawn iz-zewg versjonijiet jidhirlu illi dik ta' Kevin Testa hija aktar verosimili, peress illi hija wkoll korroborata minn rapport tekniku. Mhemmx dubju li l-ossidazzjoni ma tigix mis-sema, izda biss fejn ikun hemm umdita' jew perkolazzjoni tal-ilma. Dan mhuwiex tort tal-manifattura izda jigi bl-uzu hazin jew b' negligenza. Bir-ragun, dan jinvalida l-garanzija.

Ghal dawn il-motivi, jaqta' u jiddeciedi illi jichad it-talba tar-rikorrent. Bl-ispejjes kontra tieghu.

Michela Spiteri LL.D
Arbitru